MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Numru 538/2009

PULIZIJA
SPETTUR ALFRED MALLIA
VS
CONSIGLIO SPAGNOL

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Consiglio Spagnol, ta' 57 sena, iben il-mejjet Vincent u Carmela nee' Gerada, imwieled Zejtun fis-26 ta' Settembru 1952, residenti 67, Redentur, Triq il-Falkunier, Zejtun u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 717252(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar id-9 ta' Mejju 2009 f'dawn il-gzejjer b'eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor u cioe' lil *Ommissis A* ta' *ommissis* sena u detentur tal-Karta ta' l-Identita' *ommissis* u dan bi ksur ta' l-Artiklu 203(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-verbal datat 10 ta’ Lulju, 2009;

Semghet l-istess ammissjoni wara li l-Qorti nghatat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Consiglio Spagnol, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 203(1), 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat u ai termini ta’ Artikolu 7 tal-Kap.446 tqieghed lill-imputat taht Treatement Order taht is-sorveljanza tal-Psikologa Dr. Roberta Holland ghal perijodu ta’ sena b’*terapeutic sessions* ta’ mhux anqas ta’ darba fix-xahar jew aktar skond kif jidhrilha necessarja Dr. Roberta Holland.

Il-Qorti tordna, in oltre’, illi Probation Officer jirraporta lil Qorti kull tlett xhur.

Di piu’, il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jsuq minorenni mhux akkompanjat minn adult u tqieghedu taht garanzija ta’ mitt lira ghal sena bl-obbligu illi ma javvicinax, ma jkellimx u ma jimmolestax lil minuri msemmi fl-akkuza u lil familjari tieghu.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services u lil Dr. Roberta Holland.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------